MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 802/2012

**Bank of Valletta p.l.c. C2833**

**vs.**

**Stephen Catania K.I. 518484(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' tmien mija u sebgħa u disgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€897.34), in konnessjoni ma' bilanċ għad-debitu fil-"*Credit Card Loan Account*" tiegħu mal-Bank of Valletta p.l.c;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-

Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma tmien mija u sebgħa u disgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€897.34), bl-imgħax legali dekorribbli mit-18 t'Ottubru 2012, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fl-1 ta' Frar 2012 u numerata 344/12**,** huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------